# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 8 ta' Mejju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 205/2023 CL

**Yasmin (KI nru: 153489M) u Sarah (KI NRU: 14592G) ahwa Haider ezercenti l-kummerc taht l-isem JH Water Technology & Consulltancy**

**VERSUS**

**Sovereign Hotels Ltd (C10538)**

**u**

**Rylex Holdings Ltd (C26266)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-9 ta' Gunju 2023, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jidikkjara illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom jhallsu l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u wiehed u sittin euro (€4,661) bl-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet legali. Illi l-esponenit gew inkarigati mis-socjetajiet konvenuti, jew minn minnhom sabiex jipprestaw servizzi relatati ghat-testjar tal-ilma fil-lukanda bl-isem The Windsor gewwa Sliema. Illi skond l-istatement mmarkata Dok A, l-prezz ta' dan ix-xoghol kien ta' €4661 inkluz vat. Illi dan l-ammont kien ghadu dovut minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024, it-Tribunal kien innota li s-socjetajiet konvenuti kienu gew nnotifikati, izda la ressqu risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma dehru xi rapprezentant taghhom biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, is-socjetajiet konvenuti waqghu fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2024, minkejja li s-socjetajiet konvenuti gew debitament notifikati bl-atti processwali, la ressqu risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghhom quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilhom ta' l-atti. Tali konvenuti, ghalhekk, kienu gew dikjarati fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Fil-konfront ta' l-imsemmija socjetajiet konvenuti gie prezentant kapitolu mis-socjeta attrici waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2024[1]. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tal-10 ta' April 2024, peress li s-socjetajiet konvenuti naqsu milli jirregistra dehera biex jwiegbu ghal tali kapitolu. Rat illi fl-10 ta' April 2024 xehdet Sarah Haider li ikkonfermat l-avviz a foll.3 u l-istatement a foll.4. Iqalet illi s-servizz kien jinghata lil Windsor Hotel u l-invoice kien johrog fuq Sovereign Hotels Ltd izda l-pagamenti kienu johrorgu minn Rylex holdings Ltd. L-ammont kien ghadu dovut u ma kienx thallas ebda ammont.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[2] illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti biex jhallsu lill-istess socjeta attrici is-somma ta' erbat elef sitt mija u wiehed u sittin euro (€4,661), u bl-imghaxijiet mid-data talt-talba[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mis-socjetajiet konvenuti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Kapitolu a fol. 19

[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

[3] 9 ta' Gunju 2023